PDF Compressor Pro






*Ix-Xagħra Scout Group fil-Bajja tar-Ramla.*

# L-ewwel kamp tas-Sajf għax-*Xagħra Scout Group*

L-ewwel kamp tas-sajf mix-*Xagħra Scout Group* ġie fi tmiemu. Il-parkeġġ tar-Ramla l-Ħamra kien id-dar għal tmintax-il *leader* u sitt *scouts*. Dsatax-il *cub scout* attendew ukoll għal dan il-kamp fi ġranet oħra.

Din kienet l-ewwel esperjenza ta' kamp għall-membri tax-*Xagħra Scout Group* li sabu għajnuna kbira mingħand il-*Victoria Scouts* fosthom l-ASL David Grech li organizza dawn il-jiem avventurużi.

Malli kien jisbaħ, il-*leaders* kollha kienu jiltaqgħu fil-*campsite* ħalli jittellgħu t-tined qabel titla x-xemx.

Il-*Victoria Scouts* organizzawlhom diversi attivitajiet, fosthom diversi logħob ġol-baħar u *Scavenger Hunt*. Sar ukoll tindif tal-bajja li kien organizzat mill-Fundazzjoni Gaia. Ma naqsux ukoll il-BBQ's għal kulħadd li kienu jispiċċaw bil-*Camp Fire*.

L-iscouts ma kinux jibqgħu mingħajr smiegħ ta' quddies. Jieħu ħsieb kien hemm l-AGSL Fr Jesmond Gauci.

Il-kampijiet ġew akkwistati mingħand diversi persuni, wieħed minnhom ġentilment mogħti mill-kittieb Charles Coyne u martu.



*Waqt iż-żjara tal-Ministru Debono f'Mġarr ix-Xini. Fir-ritratt il-Ministru Debono tidher il-ħames persuna mix-xellug. Fuq ix-xellug tagħha jidher il-President ta' Wirt Għawdex, il-Maġistrat Dr Paul Coppini waqt li fuq il-lemin tagħha jidhru fost oħrajn, Joe Portelli, Direttur Proġetti u Żvilupp, il-Perita Ivana Farrugia u s-segretarju ta' Wirt Għawdex, Giovanni Zammit.*

# Xogħlijiet ta' Restawr

Bħalissa jinsabu għaddejjin xogħlijiet ta' restawr fuq it-Torri ta' Mġarr ix-Xini, liema torri ġie mibni fi żmien il-Gran Mastru De Redin fl-1661. Ix-xogħlijiet jinkludu rikostruzzjoni tal-garigor li jagħti għall-bejt, ċangatura ġdida, tikħil ta' diversi partijiet tat-torri, kif ukoll diversi aperturi fosthom il-bieb u l-pont li jwassal għalih. Dawn ix-xogħlijiet ta' restawr saru wara li twettqu diversi atti vandali matul dawn l-aħħar snin, kif ukoll minħabba problemi oħra kkawżati mill-elementi. Ix-xogħlijiet qed isiru mill-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' l-għaqda volontarja Wirt Għawdex.



*It-Torri ta' Mġarr ix-Xini.*

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono żaret il-post u ltaqgħet mal-President u s-Segretarju ta' Wirt Għawdex, il-Magistrat Dr Paul Coppini u Giovanni Zammit rispettivament kif ukoll ma' l-impjegati tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru, li wettqu dawn ix-xogħlijiet.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Paul Galea jirbaħ il-Gostra.*

# Logħob fil-Baħar

F'temp mill-iktar sabiħ u baħar ċar, il-Bajja pittoreska tax-Xlendi reġgħet kienet maħnuqa bin-nies jassistu għal logħob fil-baħar li ta' kull sena isir bħala parti mill-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Il-festa ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru.

Il-logħob fil-baħar beda fit-3.00 ta' wara nofsinhar bil-kompetizzjoni tal-ħabel fejn il-parteċipanti jitilgħu ma' ħabel vertikali minn ġol-baħar u jaqsmu il-port imdendlin ma' ħabel ieħor orizzontali fejn jippruvaw jilħqu il-bnadar imdendla ma' l-istess ħabel. Din il-logħba ma tantx ħadet ħin għaliex l-ewwel tlieta li telgħu rrnexxielhom jaqtgħu it-tlett bnadar li kien hemm. Dritt wara beda jindilek l-arblu tal-Gostra u twaħħlet il-bandiera fit-tarf tiegħu biex hekk bdiet l-aktar kompetizzjoni popolari li hi wkoll waħda tradizzjonali. Mill-ewwel deher li t-taqtiegħa għat-titlu kienet ser tkun bejn Steve Xuereb, *champion* renjanti għal dawn l-aħħar sentejn, u Paul Galea dominatur ta' din il-logħba għal tant snin qabel. Għalkemm l-oħrajn li kienu jikkompetu magħhom għamlu dak li setgħu biex forsi jaslu, xorta l-isforz tagħhom ma kienx biżżejjed. Assenza li wieħed seta' jinnota kienet dik ta' Joel Portelli li minħabba raġunijiet ta' xogħol ma setax jieħu sehem. Bħas-soltu il-logħba bdiet bil-kompetituri jnaddfu kif jistgħu l-griż minn fuq l-arblu u jitfgħu r-ramel biex jevitaw li jiżolqu. Steve u Paul dehru dejjem pass qabel l-avversarji tagħhom. Mal-ħin dawn it-tnejn bdew jersqu aktar viċin u propju magħhom beda jersaq Chris Farrugia, kompetitur ieħor promettenti, li fit-tentattiv tiegħu idu tgħaddi żbrixx minn mal-bandiera. Iżda meta reġa' wasal it-*turn* ta' Paul Galea ma żbaljax għaliex tela' tajjeb ma' l-arblu b'dak il-pass sod u sfrutta tajjeb it-tul tiegħu biex jaqbeż l-aħħar ftit piedi u jqaċċat il-bandiera fost il-ferħ u għajjat tal-pubbliku preżenti.

Il-logħob kompla bit-tiġrijiet talgħawm, *paddle boats* u *canoes* li għalihom ħadu sehem numru sabiħ ta' tfal u addoloxenti. Fi tmiem il-logħob is-Sindku Joseph Sultana ppreżenta t-trofej u midalji lir-rebbieħa. Il-Kunsill tal-Munxar kien l-*isponsor* ewlieni ta' dan il-logħob.



*Joseph Sultana, Sindku tal-Munxar jidher jippreżenta trofej lil Martha Galea (xellug) u lil Elaine Buttigieg, rebbieħa tat-tiġrija tal-bniet magħrufa bħala Paddle Boat Race.*